MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**REFALO JOSEPH S.**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1955/2002

**Dingli Co. International Limited bhala mandattrici tas-socjeta' estera The Performing Right Society Limited ta' Londra**
**vs**

**J.L. Sons Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Awissu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' wiehed u hamsin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46), kwantu ghal erbgha u erbghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmi (Lm44.75) Royalty u sitt liri u wiehed u sebghin centezmu (Lm6.71) Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess royalty dovut bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja numru 011287 (Dok.A) rilaxxata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment "Playlife" St.**

**Julians, ghall-perjodu mis-6 ta' Frar, 2002 sal-5 ta' Frar, 2003;**
**Is-socjeta' attrici tablet ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-30 t'April, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Josette Attard li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' wiehed u hamsin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Frar, 2002, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-30 t'April, 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**